C/2025/4998

11.9.2025

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.12068 – PHILIPS / AMBULANZZENTRUM DES UKE / JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2025/4998)

1. Fit-3 ta' Settembru 2025, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Ambulanzzentrum des UKE GmbH ("Ambulanzzentrum", il-Ġermanja),

— Philips GmbH ("Philips", il-Ġermanja),

— Athleticum am Volkspark GmbH ("JV", il-Ġermanja).

Ambulanzzentrum u Philips se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' JV.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi impriża konġunta.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— Ambulanzzentrum hija sussidjarja kollha kemm hi ta' Universitätsklinikum Hamburg-Eppendorf, KdöR ("UKE"). L-UKE huwa ċ-ċentru mediku universitarju u l-isptar tat-tagħlim tal-Università ta' Hamburg u wieħed mill-akbar sptarijiet f'Hamburg, il-Ġermanja. L-Università ta' Hamburg hija ssorveljata mill-Awtorità għax-Xjenza, ir-Riċerka, l-Ugwaljanza u d-Distretti tal-Belt Ħielsa u Anseatika ta' Hamburg,

— Philips huwa parti mill-grupp Koninklijke Philips N.V., li huwa attiv madwar id-dinja fil-produzzjoni u l-provvista ta' prodotti tas-saħħa personali (prodotti għall-konsumatur) u tas-sistemi tas-saħħa (teknoloġija medika).

3. L-attivitajiet kummerċjali ta' JV se jkunu dawn: it-tħaddim ta' ċentru tal-mediċina sportiv għall-kura ambulatorja fil-belt ta' Hamburg, il-Ġermanja.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12068 — PHILIPS / AMBULANZZENTRUM DES UKE / JV

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË